Verżjoni Elettronika

K.L.B.L 55/05/2021

ATT DWAR GVERN LOKALI
(KAP. 363)

Bye-Laws tal-2021 dwar Konsum tal-Alkoħol f'Postijiet Pubbliċi (Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 34 tal-Att dwar Gvern Lokali, il-Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar għamel dawn il-*Bye-Laws* li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn il-*Bye-Laws* hu l-*Bye-Laws* tal-2021 dwar Konsum tal-Alkoħol f'Postijiet Pubbliċi (Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar).

Tifsir.

2. F'dawn il-*Bye-Laws*, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra:

"arei msemmija" tfisser dawk l-arei msemmija minn awtoritajiet kompetenti għat-tqegħid ta' imwejjed u siġġijiet sabiex jiġi kkunsmat ikel u xorb;

"Att" tfisser l-Att dwar Gvern Lokali; Kap. 363.

"kontenitur ta' xorb alkoħoliku" tinkludi fliexken, bottijiet, tazzi, u, jew xi kontenitur ieħor maħsub biex fih jiġi servut xi xorb;

"Kunsill" tfisser il-Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar;

"lokalità" tfisser il-lokalità ta' San Pawl il-Baħar kif murija fit-Tieni Skeda li tinsab mal-Att;

"post pubbliku" tfisser toroq, bankini, fetħiet, pjazez, u promenade u l-ġonna li jagħmlu parti mill-konfini ta' San Pawl il-Baħar, iżda eskluži fetħiet fiż-żoni kollha mhux urbani li mhumiex fil-viċinanzi ta' xi fond residenzjali.

Projbizzjoni ta' tlajjar b'kontenituri ta' xorb alkoħoliku.

3. Ebda persuna ma tista' titlajja f'xi post pubbliku filwaqt li żżomm f'idha, iġġorr fuqha jew fuq il-persuna tagħha xi kontenitur miftuħ ta' xorb alkoħoliku.

Projbizzjoni ta' konsum ta' alkoħol f'postijiet pubbliċi.

4. Ebda persuna ma tista' tikkonsma xorb alkoħoliku f'post pubbliku ħlief f'arei msemmija.

Verżjoni Elettronika

Avviż u provvediment ta' kontenituri.

5. Kull stabbiliment kummerċjali li jopera mill-lokalità ta' San Pawl il-Baħar li jbigħ ix-xorb għandu jwaħħal avviż bil-Malti kif ukoll bl-Ingliż kif muri fl-Iskeda, li jkun provdut mill-Kunsill Lokali, u dak l-avviż għandu jintwera f'post fejn ikun jidher sew u jinqara faċilment mill-klijenti tal-istess stabbiliment kummerċjali. Kull min jorganizza xi attività fil-konfini ta' San Pawl il-Baħar irid jikkonforma ma' dawn il-*Bye-laws* u jikseb il-permessi meħtieġa mill-Kunsill Lokali ta' San Pawl il-Baħar.

Pieni.

6.1 Kull sid ta' stabbiliment li jikser xi dispożizzjoni ta' dawn il-*Bye-Laws*, jista', meta jinstab ħati, jeħel ammenda ta' sebgħin euro (€70) għal dik il-kontravvenzjoni, kif ukoll ammenda oħra ta' ħmistax-il euro (€15) għal kull jum li fih ikun kiser xi waħda mid-dispożizzjonijiet ta' dawn il-*Bye-Laws*.

6.2 Kull persuna li tikser xi dispożizzjoni ta' dawn il-*Bye-Laws* tista', meta tinstab ħatja, teħel ammenda ta' sebgħin euro (€70) għal dik il-kontravvenzjoni.

Eżenzjoni.

7. Il-Kunsill Lokali ta' San Pawl il-Baħar f'okkażjonijiet speċjali għandu jkollu d-dritt jagħti eżenzjonijiet lil dawn il-*Bye-Laws*, li għandhom jingħataw bil-miktub wara li tkun ġiet ippreżentata applikazzjoni billi jikkwota l-kondizzjonijiet ta' dawn il-Bye-Laws li għandhom jiġu eżentati f'tali okkażjonijiet speċjali.

SKEDA
(*bye-law* 5)

IL-KONSUM FIT-TOROQ TA' XORB ALKOĦOLIKU HU PPROJBIT BIL-LIĠI FI SPAZJI PUBBLIĊI KIF DEFINIT FIL-*BYE-LAWS*

IL-ĠARR TA' XORB ALKOĦOLIKU FIT-TOROQ JEKK MHUX F'KONTENITURI SSIĠILLATI U MHUX MIFTUĦIN HU PPROJBIT BIL-LIĠI.

THE CONSUMPTION OF ALCOHOLIC BEVERAGES IS PROHIBITED BY LAW IN PUBLIC PLACES AS DEFINED IN THE BYE-LAWS

THE CARRYING OF ALCOHOL IN THE STREETS OTHER THAN IN SEALED UNOPENED CONTAINERS IS PROHIBITED BY LAW.
